# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2018

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex ir-reliġjużi kkonsagrati, irġiel u nisa, iħeġġu lilhom innifishom biex ikunu preżenti qalb il-fqar, l-emarġinati u dawk li m'għandhomx vuċi fis-soċjetà.**

**Ninġabar:**

Insib post għall-kwiet u pożizzjoni komda. Nikkonċentra fuq in-nifs li qed nieħu u niffoka fuq il-ħsejjes ta' madwari. Nirringrazzja lil Alla talli jieħu ħsiebi u tal-imħabba tiegħu għalija.

**Fatt ċkejken:**



Sor Anastasja Gill, li għandha ħamsin sena, bdiet il-missjoni tagħha fl-ikbar ħabs fl-Indja ħames snin ilu. Libsa sari kulur *beige*, din is-soru hija figura familjari fit-*Tihar Central Prison* li jinsab fi New Delhi. Sor Anastasja hija sinjal ta' tama għall-priġunieri foqra li ilhom għal żmien twil jistennew li tinqatagħlhom il-kawża. Hija qalet li madwar 70 fil-mija mill-madwar 14,200 ruħ li hemm huma akkużati b'reati żgħar. Uħud jibqgħu maqfula l-ħabs anki wara li jkunu tawhom il-permess li joħorġu bi pleġġ, minħabba li ma jkunux jistgħu jħallsu s-somma tal-flus tal-pleġġ. Hija avukata tal-kriminal u għandha permess speċjali biex tidħol fil-ħabs, fejn regolarment toffri għajnuna legali lill-priġunieri li jkunu fil-bżonn. Mijiet minnhom, l-aktar dawk li ġejjin mit-tribù Dalit, jibqgħu fil-ħabs sempliċement minħabba li huma fqar wisq u ma jistgħux iħallsu avukat għax huma illitterati wisq biex jkunu jafu kif jippreżentaw applikazzjoni biex joħorġu fuq pleġġ. Sor Anastasja tgħid li ma għandhom lil ħadd min jieħu ħsieb il-każijiet tagħhom. Meta rat li ma tantx kienu jafu dwar il-proċeduri legali, hi bdiet tagħmel *role-playing* ġol-ħabs biex tgħallem lill-ħabsin dwar is-sistemi legali u tal-qorti. Hi tirreċta xeni qosra, u turihom fejn ikun l-imħallef u kif jaħdmu l-proċeduri tal-qorti sabiex huma jħossuhom kunfidenti meta jidhru f'awla tal-qorti. Hi wkoll tispjega lill-priġunieri dwar id-drittijiet tagħhom u kif għandhom jiippreżentaw l-fatti tal-każijiet tagħhom lill-imħallfin. S'issa Sor Anastasja diġà għenet 800 persuna biex jew joħorġu fuq pleġġ jew biex jinħelsu mill-ħabs. Hi tidher ukoll fil-qorti f'isem dawk il-ħabsin li jkunu fqar jew abbandunati minn qrabathom, u li ma jifilħux iħallsu avukat.

**Naħseb ftit:**

Kemm-il darba nieqaf naħseb fuq kemm qed ngħix ħajja privileġġata, filwaqt li hawn miljuni ta' nies madwar id-dinja li huma fqar, emarġinati u li ma għandhomx vuċi?

**Nitlob:**

Mulej, nitlob għar-Reliġjużi kkonsagrati, irġiel u nisa, sabiex huma jimxu fuq il-passi tiegħek u jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-fqar, ta' dawk li huma mwarrba mis-soċjetà u ta' dawk li ma għandhomx vuċi.

**Kliem ta' dawl:**

"Meta persuna fqira tmut bil-ġuħ, din il-ħaġa ma tiġrix għax Alla ma ħax ħsieb jew ħsiebha. Din ġrat għax la jien u lanqas int ma ridna nagħtu lil din il-persuna dak li kellha bżonn."

Madre Tereża

**X'nista' nagħmel:**

Nipprova nsib persuni li huma fqar jew imwarrba mis-soċjetà u nagħmel xi ħaġa pożittiva biex nagħmlilhom ħajjithom ftit iktar faċli.